MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 821/2011

**GO p.l.c.**

**vs**

**Ruth Ann GAUCI [ID. Nru. 99771M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-26 ta' Settembru, 2011** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' seba' mija u tnax-il euro u tnejn u ghoxrin centezmi ta' euro [€712.22] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u tnax-il ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€712.22) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C10146248 u 40098812 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-20 ta' Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra n-nota mressqa minn John Carbonaro fl-14 ta' Mejju, 2012 fejn huwa nforma lit-Tribunal li l-konvenuta ma tqoghodx fl-indirizz li fih saret in-notifika u lanqas ghadha toqghod Malta. Din id-dikjarazzjoni pero ma hijiex akkumpanjata b'xi gurament sabiex jigi kkonfermat kif trid il-ligi dak li nghad mill-istess John Carbonaro.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta attrici fl-20 ta' Gunju, 2012 fejn jirrizulta li l-ahhar indirizz registrat tal-konvenuta huwa fejn saret in-notifika.

It-Tribunal ghalhekk iqis li n-notifika hija wahda valida u skond il-ligi.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-20 ta' Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u tnax-il euro u tnejn u ghoxrin centezmi ta' euro [€712.22], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------